Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/255/PESK

tal-31 ta' Mejju 2013

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

(ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/760/PESK tat-13 ta' Diċembru 2013	L 335	50	14.12.2013
►**M2**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/74/PESK tal-10 ta' Frar 2014	L 40	63	11.2.2014
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/309/PESK tat-28 ta' Mejju 2014	L 160	37	29.5.2014
►**M4**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/387/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014	L 183	72	24.6.2014
►**M5**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK tat-22 ta' Lulju 2014	L 217	49	23.7.2014
►**M6**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK tas-26 ta' Settembru 2014	L 283	59	27.9.2014

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/255/PESK

tal-31 ta' Mejju 2013

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2013, il-Kunsill qabel li jadotta għal perijodu ta' 12-il xahar, miżuri restrittivi kontra s-Sirja fl-oqsma li ġejjin, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]):

— restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni bl-eċċezzjoni ta' armi u materjal u tagħmir relatati li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna;

— restrizzjonijiet fuq il-finanzjament ta' ċerti intrapriżi;

— restrizzjonijiet fuq proġetti infrastrutturali;

— restrizzjonijiet fuq appoġġ finanzjarju għall-kummerċ;

— settur finanzjarju;

— settur tat-trasport;

— restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni;

— iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi.

(2) Fir-rigward tal-esportazzjoni possibbli ta' armi lis-Sirja, il-Kunsill ħa nota tal-impenn mill-Istati Membri li jipproċedu bil-politiki nazzjonali tagħhom bi qbil mal-paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill adottata fis-27 ta' Mejju 2013, anke billi jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni fuq il-bażi ta' kull każ individwali, b'kont shiħ meħud tal-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari ([2]).

([1]) ĠU L 330, 30.11.2012, p. 21.
([2]) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

▼B

(3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċertu tagħmir, merċi u teknoloġija oħrajn li jistgħu jintużaw għar-repressjoni interna, jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, lis-Sirja minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, huma pprojbiti, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fis-Sirja;

(b) l-għoti, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċertu tagħmir, merċi u teknoloġija li jistgħu jintużaw għar-repressjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna jew għall-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, fejn Stat Membru jiddetermina fuq il-bażi ta' kull każ individwali li dawn ikunu intiżi għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet umanitarji oħrajn, jew għall-benefiċċju ta' persunal tan-NU, jew għal persunal tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha.

▼B

Artikolu 2

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir, merċi jew teknoloġija għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1) li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jesporta.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

2. L-għoti ta':

(a) assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja,

għandu wkoll ikun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jesporta.

Artikolu 3

1. Il-bejgħ, l-importazzjoni u t-trasport ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, mis-Sirja jew li joriġinaw fis-Sirja, għandhom jiġu pprojbiti.

2. Huwa pprojbit l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' għajnuna finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, u servizzi ta' senserija relatati mal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasport tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1, mis-Sirja jew li joriġinaw fis-Sirja.

▼M1

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-trasferiment mis-Sirja ta' armi kimiċi identifikati mid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), konsistenti mal-objettiv tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, l-Akkumulament u l-Użu ta' Armi kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (Konvenzjoni dwar Armi Kimiċi), imwettqa skont il-paragrafu 10 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2118(2013).

▼B

Artikolu 4

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew software intiż primarjament għal użu ta' monitoraġġ jew interċettazzjoni mir-reġim Sirjan, jew f'ismu, tal-Internet u tal-komunikazzjoni bit-telefon fuq netwerks mobbli jew fissi fis-Sirja u l-provvediment ta' assistenza għall-installazzjoni, tħaddim jew aġġornament ta' tali tagħmir jew software għandhom jiġu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 5

1. Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport mis-Sirja ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi huma pprojbiti.

2. Huwa pprojbit l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' għajnuna finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Bil-ħsieb li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat it-tħassib umanitarju, ir-ritorn għall-ħajja normali, jiġu appoġġati s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-restawr tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-Artikolu 5(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport mis-Sirja ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi u l-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u reassigurazzjoni, dment li jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

▼B

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 5 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Novembru 2011, ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Settembru 2011.

Artikolu 8

1. Il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' apparat jew teknoloġija prinċipali għas-setturi ewlenija li ġejjin taż-żejt u tal-industrija tal-gass naturali fis-Sirja, jew għas-Sirjani jew ta' intrapriżi b'sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja, minn ċittadini nazzjonali tal-Istati Membri, jew minn territorji tal-Istati Membri, jew jużaw bastimenti jew vetturi ta' l-ajru taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stati Membri għandhom jiġu projbiti jekk joriġinaw jew anke jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom:

(a) raffinar;

(b) gass naturali likwifikat;

(c) esplorazzjoni;

(d) produzzjoni.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

2. Għandu jiġi projbit il-provvediment ta' dan li ġej, lill-intrapriżi Sirjani li huma involuti f'setturi importanti tal-industrija Sirjana taż-żejt u tal-gass imsemmija fil-paragrafu 1 jew ta' Sirjani, jew ta' intrapriżi b'sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja:

(a) assistenza teknika jew taħriġ u servizzi oħra relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija prinċipali kif imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) l-iffinanzjar jew l-assistenza finanzjarja ta' kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif imniżżla fil-paragrafu 1 jew għal provediment ta' assistenza teknoloġika relatata jew taħriġ.

Artikolu 9

1. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 8(1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu relatat mal-wasla ta' oġġetti provduti f'kuntratti mogħtija jew konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artiklu 8 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' l-obbligi li joħorġu minn kuntratti mogħtija jew konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011 u relatati ma' investimenti magħmula fis-Sirja qabel it-23 ta' Settembru 2011 minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

▼B

Artikolu 10

Bil-ħsieb li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat it-tħassib umanitarju, ir-ritorn għall-ħajja normali, jiġu appoġġati s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-restawr tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-Artikolu 8(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment u t-trasferiment ta' tagħmir u teknoloġija ewlenija għas-setturi ewlenin tal-industrija taż-żejt u tal-gass naturali fis-Sirja msemmija fl-Artikolu 8(1), jew għall-intrapriżi Sirjani jew ta' proprjetà Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mir-Sirja u l-forniment ta' assistenza teknika jew taħriġ relatat u servizzi oħrajn, kif ukoll finanzjament u assistenza finanzjarja, dment li jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Il-konsenja tal-karti tal-flus u muniti denominati Sirjani lill-Bank Ċentrali tas-Sirja għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 12

Huma pprojbiti l-bejgħ, ix-xiri, it-trasport jew is-senserija diretti jew indiretti ta' deheb jew metalli prezzjużi, kif ukoll djamanti, lil, minn jew għall-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tas-Sirja, kif ukoll lil, minn jew għal persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni mingħandhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' merċi ta' lussu lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, huma pprojbiti, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

▼M1

Artikolu 13a

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment jew in-negozjar fil-proprjetà kulturali u oġġetti oħrajn ta' importanza arkeoloġika, storika, kulturali, ta' rarità xjentifika, u reliġjuża li jkunu tneħħew illegalment mis-Sirja, jew fejn jeżisti suspett raġonevoli li dawn tneħħew illegalment mis-Sirja, wara l-11 ta' Mejju 2011.

Il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika jekk jintwera li l-oġġetti kulturali jkunu qed jintbagħtu lura lil istituzzjonijiet Sirjani biex jiġi ssodisfat l-objettiv tar-ritorn f'sikurezza.

▼B

KAPITOLU II

RESTRIZZJONIJIET FUQ FINANZJAMENT TA' ĊERTI INTRAPRIŻI

Artikolu 14

Li ġej għandu jiġi projbit:

(a) l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu lil intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew lil intrapriżi Sirjani jew bi sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja;

(b) l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu lil intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija eletrika fis-Sirja;

(c) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew f'intrapriżi Sirjani jew bi sjieda Sirjana li huma involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma jew ta' titoli ta' natura parteċipattiva;

(d) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma jew ta' titoli ta' natura parteċipattiva;

(e) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom;

▼B

(f) il-ħolqien ta' kwalunkwe joint venture ma' intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom.

Artikolu 15

1. Il-projbizzjonijiet imniżżla fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 14:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-23 ta' Settembru 2011;

(ii) m'għandhomx iwaqqfu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel it-23 ta' Settembru 2011.

2. Il-projbizzjonijiet imniżżla fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 14:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011;

(ii) m'għandhomx jipprevjenu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 16

Bil-għan li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati kwistjonijiet umanitarji, terġa' tinkiseb il-ħajja normali, jinżammu s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-ritorn tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-punti (a), (c) u (e) tal-Artikolu 14, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu jew l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'impriżi fis-Sirja li huma involuti fis-setturi tal-industrija taż-żejt Sirjana tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew impriżi Sirjani jew ta' proprjetà Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja, jew il-ħolqien ta' kwalunkwe intrapriża bi sħab ma' impriżi fis-Sirja li huma involuti fis-setturi tal-industrija taż-żejt Sirjana tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar u ma' kwalunkwe sussidjarju jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana tal-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU III

RESTRIZZJONIJIET FUQ PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

Artikolu 17

1. Parteċipazzjoni fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja.

2. Għandu jiġi pprojbit il-provvediment ta' assistenza teknika jew finanzjament jew assistenza finanzjarja għall-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

KAPITOLU IV

RESTRIZZJONIJIET FUQ SOSTENN FINANZJARJU GĦALL-KUMMERĊ

Artikolu 18

1. L-Istati Membri għandhom jeżerċitaw trażżin fid-dħul ta' impenji ġodda fuq terminu qasir u medju għal sostenn finanzjarju pprovdut b'mod pubbliku u privat għall-kummerċ mas-Sirja, inkluż l-għoti ta' krediti ta' esportazzjoni, garanziji jew assigurazzjoni, liċ-ċittadini jew l-entitajiet tagħhom involuti f'tali kummerċ, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ammonti pendenti tagħhom, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe sostenn finanzjarju li jikkontribwixxi għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Barra minn hekk, l-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda fuq terminu twil għal sostenn finanzjarju pprovdut b'mod pubbliku u privat għall-kummerċ mas-Sirja.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux jaffettwa l-impenji stabbiliti qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

3. Il-Paragrafu 1 m'għandux jikkonċerna kummerċ għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet oħra umanitarji.

KAPITOLU V

SETTUR FINANZJARJU

Artikolu 19

L-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda għal għotjiet, assistenza finanzjarja jew self aġevolanti lill-Gvern tas-Sirja, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, ħlief għal finijiet umanitarji u ta' żvilupp.

▼B

Artikolu 20

Li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) kwalunkwe ħruġ ta' flus jew pagament mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) taħt jew f'konnessjoni ma' kwalunkwe ftehim ta' self eżistenti li daħlu għalih bejniethom is-Sirja u l-BEI;

(b) il-kontinwazzjoni mill-BEI ta' kwalunkwe Kuntratt eżistenti dwar Servizz ta' Assistenza Teknika għal proġetti sovrani li qegħdin fis-Sirja.

Artikolu 21

Li ġej għandu jiġi pprojbit: il-bejgħ jew ix-xiri dirett jew indirett, jew is-senserija jew l-assistenza fil-ħruġ ta' bonds Sirjani pubbliċi jew iggarantiti mill-awtoritajiet pubbliċi maħruġa wara l-1 ta' Diċembru 2011 lil u mill-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tas-Sirja jew banek domiċiljati fis-Sirja, jew fergħat u sussidjarji fi u barra l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ta' banek domiċiljati fis-Sirja, jew entitajiet finanzjarji li la huma domiċiljati fis-Sirja u lanqas ma huma fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, iżda huma kkontrollati minn persuni u entitajiet domiċiljati fis-Sirja kif ukoll kwalunkwe persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

Artikolu 22

1. Il-ftuħ ta' fergħat ġodda, sussidjarji, jew uffiċċji ta' rappreżentanza ta' banek Sirjani fit-territorji tal-Istati Membri, u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti ġodda, jew it-teħid ta' interess ta' sjieda fi, jew l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ġodda bankarji korrispondenti minn banek Sirjani, inkluż il-Bank Ċentrali tas-Sirja, il-fergħat u sussidjarji tiegħu u entitajiet finanzjarji li mhumiex domiċiljati fis-Sirja, iżda huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet domiċiljati fis-Sirja, ma' banek fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu pprojbiti.

2. L-istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom ikunu pprojbiti milli jiftħu uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet bankarji fis-Sirja.

Artikolu 23

Bil-għan li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati kwistjonijiet umanitarji, terġa' tinkiseb il-ħajja normali, jinżammu s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-ritorn tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-Artikolu 22(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex jiftħu uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet bankarji fis-Sirja, sakemm jiġu rispettati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana tal-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stipulata f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 24

1. Il-provvediment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi tiegħu, lill-korporazzjonijiet u lill-aġenziji jew lil kwalunkwe persuna jew entità li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lill-entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom, inklużi permezz ta' mezzi illeċiti, għandu jiġi pprojbit.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-provvediment ta':

(a) assigurazzjonijiet tas-saħħa jew tal-ivvjaġġar għal persuni fiżiċi;

(b) assigurazzjoni obbligatorja jew għar-responsabbiltà ċivili lil persuni, entitajiet jew korpi Sirjani bbażati fl-Unjoni;

(c) assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lill-proprjetarju ta' bastiment, inġenju tal-ajru jew vettura mikrija għal użu speċifiku minn persuna, entità jew korp Sirjan u li dik il-persuna, entità jew korp mhumiex elenkati fl-Anness I jew II.

KAPITOLU VI

SETTUR TAT-TRASPORT

Artikolu 25

1. L-Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, partikolarment ma' ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għall-ajruporti taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom tat-titjiriet kollha esklussivi tal-merkanzija operati minn trasportaturi Sirjani u t-titjiriet kollha operati mis-Syrian Arab Airlines.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-aċċess għall-ajruporti skont il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri tat-titjiriet operati mis-Syrian Arab Airlines, meħtieġa unikament biex iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom jiġu evakwati mis-Sirja.

▼B

Artikolu 26

1. Jekk l-Istati Membri ikollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet raġonevoli sabiex jemmnu li l-merkanzija ta' bastimenti u inġenji tal-ajru sejrin lejn is-Sirja tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-Artikolu 1 jew soġġetti għall-awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 2, huma għandhom, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, u ftehimiet dwar it-trasport marittimu, jispezzjonaw tali bastimenti fil-portijiet u l-ajruporti tagħhom, kif ukoll fil-ibħra territorjali tagħhom, skont id-deċiżjonijiet u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom u bil-kunsens, kif meħtieġ skont id-dritt internazzjonali għall-ibħra territorjali, tal-Istat tal-bandiera.

2. L-Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, għandhom, malli jiskopruhom, jissekwestraw u jiddisponu minn dawk l-oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-Artikolu 1 jew 2.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mal-ispezzjonijiet u d-disponimenti li jsiru skont il-paragrafi 1 u 2.

4. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn is-Sirja għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

KAPITOLU VII

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-AMMISSJONI

Artikolu 27

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, tal-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, ta' persuni li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim, u ta' persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru li jiċħad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;

▼B

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konklużmis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fis-Sirja.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies bħala mogħtija sakemm Membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma joġġezzjonax bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tiġi rċevuta l-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. Fejn, skont il-paragrafi 3 sa 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, tal-persuni elenkati fl-Anness I, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għaliha tkun ingħatat u għall-persuna kkonċernata minnha.

KAPITOLU VIII

IFFRIŻAR TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI

Artikolu 28

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim, u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Annessi I u II, għandhom jiġu ffriżati.

▼B

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta', persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet elenkati fl-Annessi I u II.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Annessi I u II u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew self b'garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġjonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

▼M1

(e) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħall-għoti jew l-iffaċilitar tal-għoti ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, ħaddiema umanitarji u assistenza relatata, jew evalwazzjonijiet mis-Sirja, u sakemm il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu rilaxxati u l-għajnuna mogħtija fis-Sirja skont il-Pjan ta' Rispons għall-Assistenza Umanitarja NU-Sirja;

▼B

(f) destinati sabiex jitħallsu fi, jew jinħarġu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, safejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

▼M2

(h) maħsuba għall-Bank Ċentrali tas-Sirja jew għal entitajiet li huma l-proprjetà tal-Istat Sirjan, kif elenkati fl-Anness I u II, biex jagħmlu ħlasijiet f'isem ir-Repubblika Għarbija Sirjana lill-OPCW għal attivitajiet relatati mal-missjoni ta' verifika tal-OPCW u mal-qerda ta' armi kimiċi Sirjani, u partikolarment lill-Fond Fiduċjarju Speċjali tal-OPCW għal attivitajiet relatati mal-qerda totali ta' armi kimiċi Sirjani barra t-territorju tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

▼B

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti taħt dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali meħuda qabel id-data li fiha l-persuna jew l-entità msemmija fil-Paragrafu 1 tkun ġiet elenkata fl-Anness I jew II, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-UE, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament sabiex jintlaħqu l-pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti minn liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità elenkata fl-Anness I jew II; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni persuna jew entità indikata milli tagħmel pagament dovut taħt kuntratt li daħal fis-seħħ qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni entità indikata elenkata fl-Anness II, għal perijodu ta' xahrejn wara d-data tan-nomina tagħha, milli tagħmel pagament minn fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati rċevuti minn tali entità wara d-data tan-nomina tagħha, fejn tali pagament huwa

▼B

dovut taħt kuntratt b'rabta mal-finanzjament ta' kummerċ, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

7. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew inżholqu qabel id-data li fiha dawn il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul u pagamenti oħrajn bħal dawn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

8. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi rċevuti u ffriżati wara d-data li jkun ġie inkluż fil-lista jew għal trasferiment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għal jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja wara d-data li jkun ġie inkluż fil-lista fejn tali trasferiment ikun marbut ma' ħlas minn istituzzjoni finanzjarja mhux inkluża fil-lista li jkun dovut b'konnessjoni ma' kuntratt ta' kummerċ speċifiku, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, każ b'każ, li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament irċevut minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

9. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal trasferiment li jsir minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati fejn tali trasferiment ikun biex jipprovdi likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ lill-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, dment li t-trasferiment ikun ġie awtorizzat mill-Istat Membru rilevanti.

10. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għat-trasferiment, minn jew permezz ta' entità finanzjarja elenkata fl-Anness I jew II, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi fejn it-trasferiment ikun relatat ma' ħlas minn persuna jew entità mhux elenkata fl-Anness I jew II b'rabta mal-provvediment ta' appoġġ finanzjarju għaċ-ċittadini Sirjani li jkunu qed isegwu edukazzjoni, taħriġ professjonali jew ikunu impenjati f'riċerka akkademika fl-Unjoni, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, każ b'każ, li l-ħlas ma jasalx direttament jew indirettament għand persuna jew entità msemmija f'paragrafu 1.

11. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal atti jew transazzjonijiet imwettqin, fir-rigward tas-Syrian Arab Airlines, unikament biex iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom jiġu evakwati mis-Sirja.

▼B

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 29

L-ebda pretensjoni, inkluża dik għal kumpens jew indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija, multi jew pretensjoni koperta minn garanzija, pretensjonijiet għal estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja, inklużi pretensjonijiet li jirriżultaw minn ittri ta' kreditu jew minn strumenti simili f'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kien ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, m'għandha tiġi konċessa lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Annessi I u II, jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fis-Sirja, inkluż il-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.

Artikolu 30

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-listi fl-Annessi I u II.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu fuq l-elenkar, inklużi r-raġunijiet għal dan, lill-persuna jew lill-entità kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz tagħha huwa magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lill-persuna jew lill-entità bil-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 31

1. L-Annessi I u II għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati.

▼B

2. L-Annessi I u II għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 32

Għandu jiġi pprojbit il-parteċipazzjoni, bil-ħsieb jew intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaqbeż il-projbizzjonijiet imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 33

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

▼M3

Artikolu 34

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ġunju 2015. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Tista' tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

▼B

Artikolu 35

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 27 u 28

A. **Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
